**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja(Is-Sitt Awla) ta' l-24 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża**

**(Kawża C-375/06)** [1]

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/105/KE — Protezzjoni tal-ħaddiema — Kontroll fuq il-perikli marbuta ma' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)***

(2007/C 155/09)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Caeiros u B. Schima, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Fernandes u F. Fraústo de Azevedo, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2003, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll fuq il-perikoli ta' aċċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi (ĠU L 345, p. 97)

**Dispożittiv**

1) *Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha ma' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll fuq il-perikoli ta' aċċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi, ir-Repubblika Portugiża naqset mill-obbligi tagħha skond din id-direttiva.*

2) *Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata tbati l-ispejjeż.*

[1] ĠU C 261 tat-28.10.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-24 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża**

**(Kawża C-376/06)** [1]

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2001/42/KE — Stima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijieti u programmi fuq l-ambjent — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu preskritt)***

(2007/C 155/10)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Caeiros u J.-B. Laignelot, aġenti)

*Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża* (rappreżentanti: L. Fernandes u F. Fraústo de Azevedo, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2001/42/KE tas-27 ta' Ġunju 2001, dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, p. 30)

**Dispożittiv**

1) *Billi ma adottatx, fit-terminu preskritt, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi regolatorji u amministrattivi kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2001/42/KE tas-27 ta' Ġunju 2001, dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha minn din id-direttiva.*

2) *Ir-Repubblika Portugiża għandha tbati l-ispejjeż.*

[1] ĠU C 261 tat-28.10.2006.